Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Diċembru 2025

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għall-Insara li jgħixu f'inħawi ta' gwerra u kunflitt, l-aktar fil-Lvant Nofsani, biex ikunu żerriegħa ta' paċi, rikonċiljazzjoni u tama.**

**Ninġabar:**
Insib post għall-kwiet u noqgħod fil-preżenza tal-Mulej. Nitlob għal dawk li jgħixu f'żoni ta' gwerra u kunflitt, sabiex ikunu jistgħu jesperjenzaw il-preżenza tal-Mulej u t-tgħanniqa tiegħu ta' mħabba, minkejja li jkunu mdawrin bit-tifrik, l-uġigħ u d-dlam.

**Fatt ċkejken:**



Fil-Lvant Nofsani n-numru ta' Nsara qed ikompli jonqos fl-artijiet tal-antenati tagħhom minħabba ċirkostanzi koroh ekonomiċi u ta' kunflitt. Komunità ta' patrijiet u reliġjużi fis-Sirja qed jiżviluppaw mod ġdid biex ikunu d-"dixxipli ta' Ġesù" qalb il-Musulmani li jgħixu madwarhom, filwaqt li jsostnu l-ispiritwalità Nisranija. Il-Monasteru antik ta' Mar Mousa tas-Sirja, ħdejn il-belt ta' Nebek, ingħata ħajja ġdida u sar eżempju modern ta' tama u reżiljenza f'pajjiż imkisser mill-kunflitt. It-tmien patrijiet u sorijiet li jgħixu hemm, huma l-aktar tar-rit Kattoliku Sirjaku, iżda hemm ukoll xi Ortodossi u Protestanti. Huma qed jirfinaw il-viżjoni ta' rikonċiljazzjoni tal-fundatur, il-Ġiżwita Taljan Patri Paolo Dall'Oglio.

Patri Jihad Youssef, li hu patri Kattoliku Sirjaku, imexxi dan il-monasteru. Hu jħares lejn id-disperazzjoni li ġabet l-esperjenza Sirjana bħala "ċans li tinbidel il-mentalità" tal-popolazzjoni ċkejkna Nisranija. Hu kompla jżid: "Għandna ċ-ċans li nkunu dixxipli tassew ta' Ġesù u knisja fost l-Iżlam, nikkollaboraw mal-Musulmani, inħobbuhom, u jkollna r-rieda li ngħixu magħhom. Huwa qal ukoll li l-Isqof Jaques Mourad u l-komunità Mar Mousa appoġġjaw persuni li batew il-konsegwenzi tal-gwerra bi proġetti ta' bini mill-ġdid u billi pprovdew appoġġ psikoloġiku u għajnuna umanitarja ta' emerġenza. L-Isqof Jaques Mourad kien membru ta' dan il-monasteru meta nħataf mill-ISIS f'Mejju 2015, iżda rnexxielu jaħrab bl-għajnuna ta' ħabib tiegħu Musulman.

Il-Missjoni ta' kuljum tal-monasteru tinkoraġġixxi ħajja spiritwali vibranti u xogħol manwali – li tinkludi l-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni qrib Nebek – filwaqt li tħaddan l-ospitalità Abramika mal-komunità lokali ta' Musulmani u l-Kattoliċi tas-Sirja, Ortodossi u Evanġeliċi tas-Sirja fil-belt.

**Naħseb ftit:**
Meta ma naqbilx ma' xi ħadd, nipprova nara fejn nistgħu naqblu jew inkun irrid li tgħaddi tiegħi u nispiċċa nargumenta u nirrabja? Kif nista' nibda proċess spiritwali li jġib ir-rikonċiljazzjoni f'qalbi u f'moħħi?

**Nitlob:**
Mulej, inti Alla tal-paċi. Nitolbok sabiex tqanqal f'dawk kollha li għaddejjin minn xi tip ta' kunflitt, xewqa awtentika għad-djalogu u r-rikonċiljazzjoni, sabiex b'hekk jegħlbu l-vjolenza bil-paċi.

**Kliem ta' dawl:**
Ix-xogħol tal-komunità, l-imħabba, ir-rikonċiljazzjoni, ir-restawr huwa x-xogħol li ma nistgħux inħallu f'idejn il-politiċi. Dan huwa x-xogħol li aħna lkoll imsejħin nagħmlu. *Shane Claiborne*

**X'nista' nagħmel:**
Nitlob għall-paċi fil-Lvant Nofsani. Nappoġġja lil dawk l-organizzazzjonijiet, bħal Aid to the Church in Need, li jipprovdu kura medika u provvisti tal-ikel f'oqsma ta' kunflitt u faqar.